**_Laqgħa Pubblika_**
**_Il-Ġimgħa 29 ta' Jannar, 2010_**
**_Fl-Uffiċċju tal-Kunsill, fis-6.30p.m._**

## *Minuti tal-Laqgħa*

Preżenti : -

Av. Monica Vella (Sindku)
Sur Joseph Vella (Viċi Sindku)
Sur Teddy Mizzi (Kunsillier)
Sur Hubert Saliba (Kunsillier)

Uffiċjali:-

Sur Ruben Cassar (Segretarju Eżekuttiv)

Għal-laqgħa kienu mistednin ir-residenti kollha tar-raħal.

Intqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qrat ir-rapport ta' xogħol li sar matul is-sena li għaddiet, minn April sa Diċembru 2009. Hija spjegat fid-dettal ix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill. Is-Sindku semmiet ukoll il-problemi li ltaqa' magħhom il-Kunsill. F'dan il-ħin is-Sindku spjegat kif is-sena finanzjarja tal-Kunsill m'għadhix tibda minn April u tintemm f'Marzu tas-sena ta' wara. Wara r-riforma tal-Kunsilli Lokali, saru diversi emendi għall-Kap. 363 u fosthom dwar is-sena finanzjarja tal-Kunsill li issa saret bħas-sena kalendarja u għalhekk tibda minn Jannar u tintemm f'Diċembru. Rapport tad-diskors kollu tas-Sindku huwa mehmuz ma' dawn il-minuti.

Is-Sindku tat rendikont ukoll ta' kif ġew mqassma l-flus allokati mill-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2010 kif ukoll tal-pjanijiet tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjien.

Wieħed mir-residenti preżenti għal din il-laqgħa, Eugenio Attard, ilmenta mal-Kunsill peress li quddiem Nru 23 Triq San Bert, li hija r-residenza tiegħu, qed iżomm l-ilma tax-xita u dan qed ikun ta' inkonvenjent għalih. Huwa qal li l-ilma joħroġ bil-mod ħafna u għalhekk x'ħin tkun ix-xita u jgħaddu l-karozzi, dawn qed itajru l-ilma għall-faċċata tad-dar tiegħu. Il-Kunsill huwa konxju minn din il-problema peress li Triq San Bert hija triq twila u m'hemmx livell biżżejjed biex l-ilma joħroġ malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema flimkien mar-resident in kwistjoni. Il-Kunsill qabel li biex tissolva din il-problema aktarx li jkun hemm bżonn li jsir gandott għall-ilma tax-xita. In

vista wkoll li din il-problema ma teżistix biss quddiem Nru 23, il-Kunsill qabel li għandna nqabbdu lil Perit biex jieħu l-livelli ta' Triq San Bert kollha u b'hekk fejn hemm din il-problema jgħidilna x'jista' jsir biex tissolva.

Il-Laqgħa spiċċat fis-7.15pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku

29.01.2010

Rapport tax-Xogħol li sar mill-Kunsill Lokali Xewkija matul is-Sena 2009

Għeżież Xewkin,

Matul is-sena 2009 il-liġi tal-Kunsilli Lokali ġiet emendata wara li daħlu fis-seħħ ħafna proposti ġodda li saru waqt ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Waħda mill-emendi hija proprju dwar is-sena finanzjarja tal-Kunsill. Sas-sena l-oħra s-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali kienet tibda f'April u tintemm f'Marzu. Minn din is-sena, s-sena finanzjarja se tibda tkun simili għas-sena kalendarja u għalhekk tibda f'Jannar u tintemm f'Diċembru. Huwa għalhekk li din is-sena qed nagħmlu dan ir-rapport f'dan iż-żmien. Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill minn April sa Diċembru 2009.

Il-Kunsill Lokali Xewkija huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Issa se nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar disa' xhur jiġifieri mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2009. Wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-Kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-Kunsill il-kuntratt għat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi. It-tindif tat-toroq mhux urbana li sa ftit tax-xhur ilu kien isir mid-Dipartiment tal-Indafa pubblika, issa qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill (tal-iskema ex WSC). Il-Ġbir ta' Skart Goff qed isir mill-Kuntrattur Joseph Attard. Il-Kunsill jara biex fejn jista' jtejjeb dawn is-servizzi speċjalment fit-tindif tat-toroq mhux urbani.

Il-Kuntratt għal Tindif tat-Toroq Urbani huwa responsabbli minnu l-kuntrattur Xewkija Tigers FC. Il-Kunsill qed dejjem jistinka biex jara aktar indafa fir-raħal u għalhekk dejjem jieħu l-passi meħtieġa biex jara li l-Kuntrattur jagħmel dak ix-xogħol li jkun hemm bżonn. Fil-fatt matul din is-sena l-Kunsill ħareġ sejħa ġdida għall-offerti dwar dan is-servizz fejn anke' enfasizza li l-kuntrattur konċernat irid jagħti tal-inqas erbgħin siegħa xogħol fil-ġimgħa.

Il-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku jsir mill-Koperattiva Għall-Indafa Pubblika (Għawdex). Issa għandna wkoll is-servizz ta' nhar ta' Tnejn dwar il-ġbir ta' skart riċiklat. Fix-xhur li ġejjien mistenni li jsir sforz akbar biex aktar skart ricikabbli jinġabar. Il-Wasteserv Ltd għandha l-kuntratt biex tbattal u tnaddaf il-Bring in Sites li għandna fi Triq Widnet il-Baħar u fi Pjazza tal-Barmil.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill. Din is-sena l-ħaddiema tal-iskema IPSL żebgħu l-marki tat-traffiku kollha tat-toroq tax-Xewkija.

Il-Kunsill huwa responsabbli ukoll minn Ġnien il-Kunsill, Ġnien il-Ħaddiem, Ġnien Castelvenere, il-'Playing Field' ta' Triq Tal-Ħamrija, 'round abouts/'soft areas' u Ġnejnet it-Tfal. Ix-xogħlijiet f'dawn il-ġonna qed isiru mill-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ex WSC. L-istess ħaddiema jagħmlu xogħol ieħor li jkun hemm bżonn li jsir bħal per eżempju l-'patching' tat-toroq. Għalkemm il-Kunsill mhux kuntent bil-'patching' tat-toroq, u jixtieq li jinksew aktar toroq bit-tarmak, kulħadd jifhem li ma tistax ma tippeċċjax ċerta toroq li jkunu fi stat ħażin ħafna. Xogħol ieħor li għamlu l-ħaddiema tal-iskema ex WSC huwa r-rinovazzjoni tal-Għassa tar-raħal tagħna. Sar xogħol fuq ġewwa tal-għassa tal-Pulizija u mistenni li fix-xhur li ġejjien isir ix-xogħol meħtieġ fuq barra wkoll.

Fiz-zona mhux urbana il-Kunsill għamel ukoll xogħol ta' livellar ta' toroq bit-torba.

Il-Kunsill applika u anke ngħata żewġ ħaddiema taħt l-iskema tal-ETC. Dawn il-ħaddiema żebgħu l-bandli kollha li għandna fil-playing fields madwar ir-raħal tagħna. Huma għamlu xogħol ta' tisbiħ fl-istess playing fields. Barra minn hekk żebgħu wkoll il-bankijiet kollha li għandna madwar ir-raħal.

Il-Kunsill kompla nstalla diversi lampi ġodda madwar ir-raħal. Il-Kunsill jirċievi diversi talbiet biex jiġu nstallati lampi ġodda f'żoni fejn għadhom mudlama. Peress li d-dwal tat-toroq ġew devoluti lill-Kunsilli, il-Kunsill irid jipproċessa u jħallas biex jeħlu dawn il-lampi l-ġodda. Pero ta' min jgħid li lampi ġodda f'toroq arterjali huma responsabbli minnhom il-Ministeru Għal Għawdex u l-ADT. Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-manutenzjoni tal-bozoz li hawn madwar ir-raħal tagħna. Il-Kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol huwa Richard Cauchi. Il-bozoz li huma mwaħlin ma' arblu jew li jinsabu f'xi triq arterjali għadhom taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali u għalhekk il-manutenzjoni ta' dawn il-bozoz issir mill-Korporazzjoni Enemalta.

Bl-għajnuna tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini, matul is-sajf 2009, fl-istess Wied ta' Mgarr ix-Xini tkompla l-iskavar li kien inbeda fis-snin ta' qabel. Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u tax-Xewkija flimkien ħadmu biex isir 'survey' Arkeoloġiku fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini u kif ukoll il-ħames fażi ta' l-iskav arkeoloġiku f'Għar ix-Xiħ. Din is-sena sar ukoll skavar fl-inħawi magħrufa bħala tal-Loġa. Dan ix-xogħol sar bil-koperazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija u l-Istudji Klassiċi fi ħdan l-Universita' ta' Malta u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Ta' min isemmi li saru 'open days' biex il-pubbliku japprezza ix-xogħol li qed isir. Fost oħrajn żaru l-iskav l-E.T. Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono u s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onor. Dr Chris Said. Għad baqa' xogħol x'isir dwar dawn l-iskav u għalhekk mistenni li jitkompla matul is-sajf 2010.

Il-Kunsill qed joffri servizz ta' 'internet' b'xejn għar-residenti kollha tax-Xewkija minn żewġ postijiet differenti: mill-uffiċċju tal-Kunsill u anke mil-Librerija Pubblika. Tajjeb li tkunu tafu wkoll li l-Librerija Pubblika qed tinżamm miftuħa għal aktar ħin u l-Kunsill qed iħallas għas-servizz tal-Librara.

Xogħlijiet oħra li saru matul din is-sena huma l-cable tal-elettriku li għaddejna mill-ġdid fi Pjazza San Ġwann Battista biex issolviet il-problema tal-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja. Dawn kien ilhom mitfijin għal xi żmien peress li kien jinħtieġ li ngħaddu cable tal-elettriku ġdid. Fil-pjazza wkoll għamilna pots bix-xtieli li jagħtu dehra isbaħ lill-istess pjazza. Iż-żewġ pots tax-xtieli l-kbar ingħataw minn Wasteserv Ltd. Il-Kunsill jieħu ħsieb it-tisqija li jkun hemm bżonn matul ix-xhur sħan tas-sajf.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill qed ifakkar Jum ix-Xewkija billi tiġi organizzata quddiesa u jsiru kompetizzjonijiet għall-istudenti tal-iskola primarja. Għat-tielet sena konsekuttiva l-Kunsill organizza l-kampanja Il-Ktieb Teżor fejn tfal tal-Kinder ingħataw kotba adattati għalihom. L-istess tfal kantaw waqt is-serata li tkun organizzata fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija. Fil-bidu ta' Novembru ġiet organizzata wkoll il-Wirja tal-Għasafar bil-koperazzjoni tal-Gozo Bird Breeders Association. Saru wkoll attivitajiet sportivi fosthom tournament tal-Football Under 10. Bil-koperazzjoni tal-Kap tal-Iskola Primarja u l-Ambaxxata Amerikana f'Malta ġiet organizzata l-Halloween fejn it-tfal setgħu isiru jafu aktar dwar din it-tradizzjoni popolari Amerikana. Din is-sena kelna fostna wkoll il-Kummissarju għat-Tfal u anke ġie il-maskot popolari mat-tfal, Ġuġinu. Matul din l-attivita t-tfal tal-iskola primarja ngħataw tagħrif dwar id-drittijiet tagħhom. Ġie organizzat ukoll il-programm mużikali mill-Banda Prekursur. Waqt l-istess attivita ngħata wkoll il-Premju Ġieħ ix-Xewkija li din is-sena ntrebaħ minn Frans Galea. Mistiedna speċjali kienu l-kantanti lokali Alessia u Sarah Bonnici.

Għal darb'oħra ittellgħet il-"Wirja ta' Arti u talent mix-Xewkija", li saret fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Din inżammet miftuħa għal ġimgħa u b'sodisfazzjon ngħid li kienu ħafna li żaru din l-esibizzjoni ta' xogħlijiet u arti li ħafna minnhom saru mill-istudenti li attendew diversi korsijiet organizzati mill-Kunsill.

Bil-koperazzjoni tal-Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija, għall-ewwel darba l-Kunsill waqqaf il-Kunsill Lokali tat-Tfal. Dan il-Kunsill huwa magħmul minn studenti tal-istess skola. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed jagħti baġit lil dan il-Kunsill biex ikun jista' jwettaq proġetti importanti għall-iskola. Dan il-Kunsill beda jiltaqa' matul ix-xahar ta' Novembru u anke saret laqgħa pubblika fejn il-ġenituri setħgu jisimgħu xi proġetti jixtieq iwettaq dan il-Kunsill. Issa qed jaħdem biex jibda iwettaq ix-xogħlijiet li ser isiru bil-finanzjament minn naħa tal-Kunsill.

Fi żmien il-Milied 2009 il-Kunsill organizza party għat-tfal kollha mix-Xewkija u li għalih attendew aktar madwar 80 tifel u tifla. Ġiet organizzata ukoll ħarġa għall-anzjani. L-anzjani ttieħdu jaraw diversi presepji madwar Għawdex u wara l-ħarġa kienu mistiedna għall-ikla li saret fl-Arka Foundation fejn ġiet organizzata wkoll it-tombla. Il-Kunsill ħa

ħsieb biex għal darb'oħra jagħmel it-tiżjin tal-Milied fi Pjazza San Ġwann Battista kif ukoll fi Triq il-Knisja.

Bħalissa l-Kunisll jinsab għaddej bil-preparamenti biex jiġi organizzat il-Karnival 2010. Kif isir ta' kull sena matul il-jiem tal-Karnival, il-Kunsill se jorganizza kompetizzjonijiet għall-aħjar kostumi u karrijiet. Mistenni li jsiru attivitajiet bħal Giovedi Grasso, sfilata bil-karrijiet immexxija minn Banda Prekursur, serata fejn ikunu kienu mistiedna kumpaniji taż-żfin bil-kostum, karrijiet u maskri grotteski u serata oħra fejn issir il-kummittiva u anke l-ballu tal-Karnival. Għal darb'oħra se tiġi organizzata wkoll il-Kukkanja. Matul il-ħamest ijiet tal-Karnival ser ikun hemm ukoll il-Karnival tradizzjonali, dak spontanju. Ser ikun hemm daqqaqa f'diversi ħwienet. Kif qed tinnotaw għal din is-sena ser ikolna aktar attivitajiet minn snin preċidenti. Dawn l-attivitajiet ser ikunu jistgħu jsiru bil-koperazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari Għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u tal-Awtorita' tat-Turiżmu. Il-Kunsill ser jingħata fondi mill-iskema speċjali dwar l-attivitajiet.

Fil-Gimgħa l-Kbira l-Kunsill organizza ħarġa għall-anzjani fejn dawk preżenti żaru s-sepulkri ta' diversi knejjes madwar Għawdex.

F'April, fil-Mużew tal-Iskultura fi Knisja Rotunda, ġiet organizzata serata mużikali bis-sehem ta' Thrings Strings Trio. Din l-attivita saret bil-koperazzjoni tal-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca u ta' Mro Colin Attard.

F'Mejju, f'Għawdex kienet organizzata n-Notte Gozitana. Il-Kunsill ħa sehem fl-attivitajiet li saru f'dawn il-jiem. Ittellgħu wirjiet minn artisti lokali u anke l-Knisja Rotunda u l-Mużew tal-Iskultura nżammu miftuħa għal ħinijiet itwal mis-soltu u b'hekk setgħu jitgawdew aktar mill-Maltin u turisti li ġew fostna f'dawn il-ġranet.

Il-Kunsill organizza diversi korsijiet matul is-Sajf 2009 fosthom dwar il-Parċmina, Basic Arts, Art Attack, Clay Modelling, Paper Craft, Ingliż, Malti, Franċiż, Matematika, Ġermaniż u Story Telling.

Fl-okkażżjoni tal-festa tar-raħal qed isir Defile taż-żwiemel li sar ferm popolari. Il-Kunsill jgħin mill-aħjar li jkun jista' biex il-festa ta' San Ġwann Battista tkun organizzata bl-aħjar mod possibbli.

Fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras, il-Kunsill organizza l-ħuġġieġa ta' San Ġwann. Din kienet it-tieni sena konsekuttiva li l-Kunsill organizza din l-attivita u b'hekk din it-tradizzjoni fix-Xewkija qed terġa' tingħata l-ħajja. L-attivita' bdiet b'marċ minn Banda Prekursur fi Triq Santa Katerina li għadda minn Triq il-Knisja u spiċċa fi Pjazza San Ġwann Battista fejn inxtegħlet il-ħuġġieġa u anke kien hemm logħob tan-nar.

Għal darb'oħra l-Wirja ta' l-Annimali saret f'Awwissu bħala parti mill-attivitajiet tal-Festi ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras. Kien hemm kategoriji taż-żwiemel, tan-nagħaġ u tal-mogħoż u anke ta' l-għoġġiela. Għat-tielet sena konsekuttiva, ġiet organizzata wkoll il-wirja tal-klieb. Nirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex din l-attivita' setgħet issir speċjalment

lill-isponsors li għenu biex din il-wirja tkun tista' ssir bla ma tkun ta' piż finanzjarju għall-Kunsill.

Il-Kunsill organizza wkoll attivitajiet sportivi għal kull eta'. Sezzjonijiet sportivi li ġew organizzati bejn Ottubru u Diċembru huma 'Schools on the move' li huma mmirati għat-tfal tal-iskola, Pilates u Aerobics li kienu immirati aktar għal dawk l-adulti li ma jipprattikawx xi sport ieħor. Dawn il-korsijiet setgħu jsiru bil-koperazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni u Informazzjoni, il-Kunsill Malti Għall-Isports u tas-Segretarjat Parlamentari Għaż-Żgħażagħ u Sport. Dawn il-korsijiet u oħrajn ser jerġgħu jsiru matul is-sena 2010 wara li l-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar l-iskema tal-isports ġiet aċċettata.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

Av. Monica Vella
Sindku